MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 14(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru 2013, fil-5:30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana ( S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Aggudikar ta' sejha ghall-offerti MXLC04/2013
6. Milied 2013
7. Diskussjoni dwar il-power stations ta' Delimara
8. Quarterly Financial Report Lulju-Settembru 2013
9. Mozzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' hlasijiet
11. Affarijiet oħra

## Talba

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

## 1. <u>Qari tal-Minuti</u>

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta Numru 13 (2013) kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Angelo Micallef unanimament approva il-minuti bħala dokumenti korretti.

## 2 **Arisings mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm

## 3 **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

3.1 Is-Sindku qal illi wara diskussjonijiet li l-Kunsill Lokali kellu ma WasteServ Malta Ltd., intlehaq qbil sabiex il-kuntrattur tal-Kunsill Lokali ikun jista’ jbattal l-iskart fil-facilita’ ta’ San Antnin (Marsascala). Is-Sur Micallef zied jghid illi permezz ta’ dan il-ftehim, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jiffranka madwar €20 ghal kull gurnata ta’ servizz. Madanakollu WasteServ Malta Ltd. kienet ghamlitha cara illi l-iskart ma kellux jinkludi materjal li jaghmel hsara lill-makkinarju tal-impjant.

3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ircieva e-mail minghand is-Sur Eric Schembri rigward sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal insurance cover. Is-Sindku qal illi s-Sur Schembri kien allega illi l-kumpanija tieghu (Allcare Ins.) kellha l-orhos offerta u s-sejha giet aggudikata lil kumpanija ohra. Is-Sur Micallef zied jghid illi wara li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien evalwa l-offerti ricevuti irrizulta li l-offerta tas-Sur Schembri ma kenitx l-orhos wahda. Dwar dan kien gie infurmat is-Sur Schembri li min-naha tieghu, filwaqt li fehem il-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali, offra donazzjoni ta’ €500 b’risq attivita’ kulturali lill-istess Kunsill Lokali

3.3 Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienet saret kampanja ta’ tindif fiz-zona tal-batterija ta’ San Pawl. It-tindif kien sar b’kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali, Nature Trust u impjegati ta’ Mc Donalds. Is-Sur Micallef zied jghid illi waqt l-attivita’ ingabret aktar minn tunnellata ta’ skart miz-zona msemmija.

3.4 Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsilliera hekk kif maqbul kien beda jiltaqa’ l-working group mahtur mill-AKL sabiex jahdem fuq proposti relatati mas-swieq fil-berah. Is-Sur Micallef zied jghid illi l-imsemmi working group kien ser ikun qieghed jipprezenta rapport dettaljat lill-AKL fi zmien xahrejn.

## 4 **Korrispondenza**

4.1 Permezz ta’ e-mail datat 7 t’Ottubru 2013, is-Sur Tony Bajada, f’isem WasteServ informa lill-Kunsill Lokali illi t-talba tal-istess Kunsill Lokali sabiex l-iskart ta’ Marsaxlokk jitbattal fil-facilita’ ta’ San Antnin kienet giet milqugha u l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali seta japplika l-ftehim immedjatament.

4.2 Permezz ta’ ittra datata 1 t’Ottubru 2013, is-Sur Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali bi problemi li kien hemm fi Triq tas-Silg. Is-Sur Baldacchino sahaq illi fl-opinjoni tieghu kien jinhtieg illi ssir *traffic calmer* fi Triq Gulinu Maniscalco sabiex jigi evitat periklu ghas-sewwieqa. Is-Sur Baldacchino talab ukoll illi tissewwa hsara li kien hemm f’parti mill-bankina fl-istess triq. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi fi Triq Gulinu Maniscalco kellha ssir *stop sign* sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-velocita’ u jigi evitat periklu. Kellha wkoll issir spezzjoni tal-bankina msemmija sabiex kemm il-darba ikun possibbli tigi rrangata l-hsara li kien hemm

4.3 Permezz ta’ e-mail datat 5 t’Ottubru 2013, is-Sur Silvio Scerri f’isem il-Ministeru ghall-Affarijiet Interni u s-Sigurta’ Nazzjonali, informa lill-Kunsill Lokali illi t-talba tal-Kunsill Lokali sabiex tizdied il-prezenza tal-pulizija gewwa Marsaxlokk kienet ser tkun qieghda tinghata l-attenzjoni mehtiega.

4.4 Permezz ta' e-mail datat 7 t'Ottubru 2013, is-Sur Kevin Zahra f'isem Transport Malta informa lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta kienet qieghda tohrog permess sabiex *parking bay* riservata ghal *un/loading* fi Triq il-Luzzu kienet giet approvata. L-istess *parking bay* kellha tkun riservata ghall-ghan imsemmi bejn l-04:30 u l-16:30.

4.5 Permezz ta' e-mail datata 10 t'Ottubru 2013 is-Sinjura Amabel Busuttil infurmat lill-Kunsill Lokali illi grupp ta' nurses mill-Isptar Mater Dei kien dispost illi jaghti dimostrazzjonijiet u lezzjonijiet ta' tejorija f'basic first aid. Is-Sa. Busuttil qalet illi l-prezz ta' kull sessjoni (li ghaliha ma setghux jippartecipaw aktar minn 20 persuna) kellu jkun ta' €100 liema spiza kienet tkopri wkoll it-tqassim ta' materjal lill-partecipanti.
Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-proposta kienet wahda interessanti kemm il-darba ikun hemm il-partecipazzjoni tal-pubbliku. Ghal dan il-ghan, kellha tinhareg sejha ghall-interess tal-pubbliku sabiex kemm il-darba jkun hem partecipazzjoni din il-proposta timmaterjalizza.

4.6 Permezz ta' e-mail datat 16 t'Ottubru 2013, il-Perit Audrey Testaferrata deNoto f'isem Transport Malta irrispondiet talba li kien ghamel is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali, sabiex jitwal *double yellow line* fi Triq il-Firilla. Il-Perit Testaferrata deNoto sahqet illi t-talba likien ghamel il-Kunsill Lokali ma setghetx tigi milqugha peress illi dak mitlub kien imur kontra l-*Motor Vehicles Regulations* ( MVR)

4.7 Permezz ta' e-mail datat 15 t'Ottubru 2013, is-Sinjuri Brian Vella u Ronald Attard, f'isem V&A Services Ltd. infurmaw lill-Kunsill Lokali illi l-istess kumpanija kienet ser tkun qieghda timpjega *supervisor* bil-ghan illi jitjieb is-servizz li kien qieghed jircievi l-Kunsill Lokali. L-istess Kunsill Lokali gie mheggeg sabiex jaghmel kuntatt mas-*supervisor* fi kwalunke kaz ta' diffikulta'.

4.8 Permezz ta' ittra datata 7 t'Ottubru 2013, il-Kunsill Lokal informa lil V&A Services Ltd. illi kien intlehaq ftehim mal-kumpanija WasteServ sabiex isir it-tbattil ta' skart fil-facilita' ta' San Antnin minflok dik tal-Ghallis. Il-Kunsill Lokal informa lill-kumpanija msemmija illi kellha tiehu hsieb illi l-iskart ma jkunx imhallat ma materjal li jaghmel hsara lill-makkinarju tal-impjant.

4.9 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Ottubru 2013, is-Segretarju Ezekuttiv informa lil numru ta' Kunsilli Lokali li kienu wrew interess f'diskussjoni li kien zamm il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk rigward swieq fil-berah, illi l-AKL kienet hatret *working group* kompost minn hames Sindki sabiex ihejju rapport dwar il-materja. Is-Sur Hall sahaq illi hekk kif maqbul, kull min wera interess fl-inizjativa in-kwistjoni kien ser ikun qieghed jinzamm aggornat b'eventwali zviluppi.

4.10 Permezz ta' e-mail datat 16 t'Ottubru 2013, is-Sur Kevin Zahra f'isem Transport Malta wiegeb lis-Sindku li min-naha tieghu kien talab lill-istess Transport Malta gwida rigward spazju riservat ghat-trasport pubbliku fi Triq l-Arznell. Is-Sur Zahra informa lill-Kunsill Lokali illi l-ispazju riservat kellu jkun ta' 35 metru tul.
Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi kellha ssir spezzjoni fis-sit sabiex jigi stabbilit jekk l-ispazju riservat kienx konformi mal-ligi. Kellhom ukoll jitnehhew tabelli li kien hemm fil-post.

4.11 Permezz ta' zewg notifiki datati 12 u 19 t'Ottubru 2013, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-pubbliku b'applikazzjonijiet li kienet irceviet ghal-permessi ta' zvilupp u z-zmien li kien qieghed jinghata sabiex jitressqu l-oggezzjonijiet. Wara illi

inghataw dettalji tal-applikazzjonijiet kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

4.12 Permezz ta' e-mail datat 11 t'Ottubru 2013, is-Sur Eric Schembri, filwaqt li talab apologija ghal allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront tal-Kunsill Lokali u specifika li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, offra donazzjoni ta' €500 bhala kumpens. Is-Sur Schembri specifika illi d-donazzjoni kellha tintuza ghal attivita' li tippromwovi lil Marsaxlokk.

4.13 Permezz ta' e-mail datat 15 t'Ottubru 2013, is-Sur Joe Attard minn Green MT informa lill-Kunsill Lokali illi inizjativa li kienet hadet l-istess Green MT li tpoggi kontenituri tal-iskart riciklat ghad-disposizzjoni tal-bejjiegha tas-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd ma kenitx qiehda tirnexxi u l-kontenituri kienu qieghdin jimtlew bi skart imhallat. Is-Sur Attard informa lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba is-sitwazzjoni ma tigix ratifikata, Green MT ma kenitx ser tibqa' toffri s-servizz imsemmi.
Wara diskussjoni libera gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibilita' illi jikri s-servizzi ta' *green wardens* sabiex tigi ssorveljata s-sitwazzjoni. Dwar din il-mizuri kellha tintbaghat ittra lir-residenti u bejjiegha tas-swieq fil-berah.
Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill Lokali illi kien innota illi l-kontenituri tal-iskart riciklat ma kienux tbattlu il-Hadd hekk kif stabbilit izda t-tlieta bil-possibilta' illi l-istess kontenituri setghu intuzaw mir-residenti sabiex jintrema fihom skart imhallat. Dwar din il-materja kif ukoll dwar il-mizura tal-Green Wardens kellha tintbaghat ittra lis-Sur Joe Attard..

4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill numru ta' applikazzjonijiet li kienet irciviet l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar ghal zvilupp f'Marsaxlokk. Wara li inghataw dettalji tal-applikazzjonijiet irrizulta li l-izvilupp propost kien jittratta binjiet privati li ma kien ser ikollhom ebda impatt fuq l-ambjent tal-lokalita' u ghaldaqstant, bi qbil unanimu il-Kunsill Lokali ma' sab ebda oggezzjoni.

4.15 Permezz ta' ittra datata 4 t'Ottubru 2013, indirizzata lil-Government Property Department, l-awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar harget enforcement notice dwar zvilupp illegali li sar fi Triq il-Kavallerizza. L-izvilupp kien jikkonsisti fi twaggiegh ta' kmamar ezistenti (*dressing rooms*), bini mill-gdid ta' diversi kmamar (*kumpless sportiv*) li jinkludu dressing rooms, showers, toilets, bar u ufficcju u tqeghid ta' pavimentar madwar l-istess kumpless.
Wara diskussjoni libera dwar l-ittra kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kienx involut fl-izvilupp imsemmi.

4.16 Permezz ta' ittra indirizzata lill-Kunsill Lokali u datata 7 t'Ottubru 2013, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar harget enforcement notice (ECF00280/13) rigward zvilupp illegali li kien sehh fi Triq il-Kavallerizza. L-izvilupp kien jikkonsisti f'bini ta' hajt biex giet iffurmata triq, twahhil ta' barrier fuq in-naha ta' fuq tal-imsemmija triq, bdil ta' uzu tal-art ghal wiehed ta' parkegg u bini ta' tarag bil-gebel u konkos
Kien hemm diksussjoni libera rigward din il-materja li matulha gie diskuss l-allegat involvement tal-Kunsill Lokali fl-izvilupp imsemmi. Finalment, gie stabbilit illi x-xoghol kollu li ssemma sar mill-Gvern Centrali permezz ta' haddiema tal-Works Division (Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali) waqt progett ta' tisbieh li kien qieghed isir f'Xatt is-Sajjieda. Fil-fatt is-sit imsemmi kien jintuza mill-istess haddiema waqt li kien ghaddej il-progett.

4.17 Permezz ta' ittra datata 10 t'Ottubru 2013, l-awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali illi permezz ta' Avviz Legali 276 tal-2012, inbidlu l-multi

relatati ma' zvilupp minghajr permess u l-Kunsill Lokali gie mgharraf illi kieku kien hemm evidenza illi l-abbuz imsemmi f'ECF 00280/13 sehh qabel novembru 2012 kienu applikabbli r-rati tal-multi l-godda.

4.18 Permezz ta' e-mail datat 18 t'Ottubur 2013, il-Kunsillier Angelo Micallef gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar suggerimenti li kien wasal mill-pagna tal-Kunsill Lokali tan-network Socjali Facebook. Fost l-ohrajn gie suggerit illi fi Triq il-Felluka u Triq ix-Xambekk isir arrangement tat-traffiku sabiex dawn isiru *one-way*. Gie suggerit ukoll illi sabiex jigi evitat periklu ghas-sewwieqa, ssir *traffic island* zghira f'Wesgha Dun Guzepp Caruana. Suggeriment iehor kien jghid illi sabiex jigu rizolti problem ta' parkegg fi Triq Cicerun u l-madwar, il-Kunsill Lokali seta' jutilizza spazju fi Pjazza Beatu Bartolo Longo.
Wara diskussjoni libera dwar is-suggerimenti msemmija kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex issir traffic island zghira f'Wesgha Dun Guzepp Caruana. Kellha wkoll issir applikazzjoni sabiex hekk kif suggerit Triq il-Felluka u Triq ix-Xambekk isiru *one-way*.

4.19 Permezz ta' e-mail datat 7 t'Ottubru 2013, is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali wiegeb e-mail li kienet intbaghtet mill-patrijiet Terezjani rigward problema ta' akkumular ta' skart kull nhar ta' Gimgha biswit proprjeta tal-istess patrijiet Terezjani. Permezz tal-email tieghu, is-Sindku informa lill-patrijiet illi t-talba sabiex jingabar l-iskart minn biswit il-proprjeta' taghhom kuljum ma setghetx tigi milqugha. Dan peress illi l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali ma kienx jopera kuljum.

4.20 Permezz ta' e-mail datat 3 t'Ottubru 2013 is-Sur George Galea f'isem l-iskola Sekondarja tal-bniet ta' Santa Lucija informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' li kienet ser tittella matul ix-xahar ta' Mejju 2014 gewwa l-istess skola. L-attivita' li ghaliha kienu qieghdin jigu mistiedna jippartecipaw diversi Kunsilli Lokali kienet ser tikludi bosta esibizzjonijiet u kull Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jinghata spazju sabiex jesibixxi ritratti ta' progetti u xogholijiet li jkun wettaq fil-lokalita' tieghu. Is-Sur Galea temm l-email tieghu billi talab ghajnuna finanzjarja lill-Kunsill Lokali b'risq l-attivita' msemmija.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema, kien hemm qbil illi kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali kellu jippartecipa fl-attivita' msemmija. Madanakollu, minhabba li l-ligi tal-Kunsill Lokali kienet tipprojbixxi l-ghoti ta' donazzjonijiet, it-talba tas-Sur Galea ghal donazzjoni b'risq l-attivita' ma setghetx tigi milqugha.

4.21 Permezz ta' e-mail datat 17 t'Ottubru 2013, il-Perit Audrey Testaferrata deNoto f'isem Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li rapprezentanti ta' Transport Malta kienu ghamlu spezzjoni sabiex jinvestigaw ilment dwar *double yellow* line fi Triq l-imriekeb c/w Triq il-Galjazz irrizulta illi l-imsemmi double yellow line kien twil izzejjed u l-Kunsill Lokali gie mitlub jikkonforma mal-ligi.
Kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema u issemmew diversi fatturi fosthom il-wisa' tat-triq imsemmija kif ukoll il-fatt illi l-istess triq kienet tintuza mis-sewwieqa miz-zewg nahat. Finalment kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat e-mail li permezz tieghu jelenka d-diffikultajiet li kienu ser jirrizultaw kemm il-darba l-mizuri proposti jigu implimentati.

## 5 <u>Aggudikar ta' sejha ghall-offerti Numru MXLC04/2013</u>

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokal kien ircieva erba' offerti ghal sejha ghall-offerti numru MXLC04/2013. Wara li kienu gew evalwati d-dokumenti sottomessi, irrizulta illi l-erba offerti kienu validi u ghaldaqstant gew mghoddija lill-bord ta' evalwazzjoni, li min-naha tieghu, wara li xtarr sewwa l-offerti b'decizjoni unanima kien irrakkomanda illi

s-sejha tigi aggudikata lis-sur Ronald Bezzina. Il-bord kien ha d-decizjoni tieghu abbazi tal-fatti illi l-offerta tas-Sur Bezzina kienet l-orhos wahda, kif ukoll tas-servizz tajjeb illi s-sur Bezzina kien joffri fil-gbir ta' skart goff.

Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni u ressaq proposta sabiex is-sejha tigi aggudikata lis-Sur Ronald Bezzina. Is-Sur Angelo Micallef issekonda l-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 6 Milied 2013

6.1 Is-Sindku qal illi kien jinhtieg illi tittiehed decizjoni dwar l-attivitajiet u l-armar li soltu kien jiehu hsieb il-Kunsill Lokali. Is-Sur Angelo Micallef semma kif fl-2012, il-Kunsill Lokali kien ibbenefika minn fondi permezz ta' skema mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, kemm il-darba terga' tohrog l-istess skema, il-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex terga' tittella attivita' ghal zmien il-Milied. Kien hemm qbil unanimu dwar il-proposta tas-Sur Micallef. Is-Sindku semma kif ghall-attivita' tal-Milied tal-2013, il-Kunsill Lokali seta' juza' donazzjoni ta' €500 li kienet giet imwiegha mis-Sur Eric Schembri b'risq attivita' li tippromwovi l-lokalita'.

Kien hemm diskussjoni libera dwar l-armar li kien sar matul Xatt is-Sajjieda ghal zmien il-Milied li matulha giet diskussa l-estetika kif ukoll l-effett li kellha fuq il-lokalita'. Is-Sur Steven Grech semma' kif grupp ta' volontiera li fil-passat kienu jwahhlu dawl dekorattiv matul Xatt is-Sajjieda kienu offrew illi jaghtu l-materjal lill-Kunsill Lokali sabiex dan ikun jista' jintuza ghal zmien il-Milied. Wara diskussjoni qasira dwar din il-proposta, kien hemm qbil unanimu illi sakemm il-Kunsill Lokali ma jigix miltub hlas ghall-apparat, u kemm il-darba dan kien ghadu fi stat tajjeb, kellha tigi evalwata l-possibilita' illi l-istess materjal jintuza mill-Kunsill Lokali ghat-tizjin ta' Xatt is-Sajjieda ghal zmien il-Milied.

## 7 Diskussjoni dwar il-Power Stations ta' Delimara

7.1 Is-Sindku qal illi dan l-item kien tnizzel fuq l-agenda wara li l-Kunsillier Angelo Micallef kien esprima x-xewqa li jigi diskuss. Madanakollu dwar din it-tema kienet tressqet mozzjoni u ghaldaqstant ma kienx hem mil-htiega li tigi diskussa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 8 Quarterly Financial Report Lulju –Settembru 2013

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Lulju-Settembru 2013. Is-Sur Hall ghadda biex jaghti spjegazzjon dettaljata dwar id-dhul u l-infiq tal-Kunsill Lokali fil-perjodu msemmi u semma kif fil-perjodu kkoncernat id-dhul tal-Kunsill Lokali varja minimament minn dak li kien qieghed jigi previst. Rigward in-nefqa tal-Kunsill Lokali is-Sur Hall spjega kif filwaqt li fil-maggoranza tieghu l-infiq kien dak li kien qieghed jigi ppjanat, fl-oqsma ta' *street lighting* u servizzi ta' professjonisti kienu intefqu aktar flus minn dak li kien mahsub. Fil-maggoranza tieghu dan kien dovut ghal cirkostanzi li l-Kunsill Lokali ma kellu ebda kontroll fuqhom.

Wara diskussjoni qasira dwar l-infiq tal-Kunsill Lokali, is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex ir-rapport jigi approvat hekk kif propost. Is-Sur Angelo Micallef issekonda l-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

## 9 Mozzjonijiet

9.1 *Mozzjoni numru 2/2013 (VI)*

Nipproponi li l-Kunsill Lokali jevalwa l-pozizzjoni tal-bejjiegha fissi (fixed hawkers) li joperaw fis-suq fil-berah fi Triq Xatt is-Sajjieda (fiz-zona tat-tinda). Dawn ghandhom jinkludu l-bejjiegh tal-gilat u tal-haxix li joperaw mill-istess zona

Mozzjoni : Steven Grech
Sekondant : Angelo Micallef

Kien hemm votazzjoni ta' tnejn favor, astensjoni wahda u zewg voti kontra. F'dan l-istadju, is-Sur Edric Micallef fil-kwalita' ta' Sindku (li kien qieghed jippresjedi s-seduta) ghamel uzu mill-*casting vote*, b'vot favur il-mozzjoni li ghaldaqstant ghaddiet.

9.2 *Mozzjoni numru 3/2013 (VII)*

Nipproponi illi l-Kunsill iwahhal bollards fi Pjazza Madonna ta' Pompei hekk kif kien hemm qabel sar embellishment tal-istess zona. Il-bollards ghandhom jitwahhlu b'tali mod illi jimpedixxu l-access ghall-vetturi.

Mozzjoni : Steven Grech
Sekondant ; Stephen Caruana

Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex il-mozzjoni tigi emendata u tinqara hekk:

Nipproponi illi l-Kunsill iwahhal il-bollards tan-naha tal-funtana fi Pjazza Madonna ta' Pompei b'katnazz hekk kif kien hemm qabel sar l-embellishment tal-istess zona. Il-bollards ghandhom jitwahhlu b'tali mod illi jimpedixxu l-access ghall-vetturi. Il-Kunsill ghandu jinsisti sabiex ikun hemm infurzar ghall-parkegg irregolari. Il-pjazza ghandha tkun ghal un/loading biss.

Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda l-emendi proposti mis-Sur Edric Micallef li ghaddew b'votazzjoni unanima

Il-mozzjoni kif emendata giet approvata b'votazzjoni unanima

9.3 *Mozzjoni 04/2013 (VI)*

Nipproponi illi l-Kunsill ikompli bicca bankina li saret mill-privat fi Triq il-Wilga. Il-bankina tikkonsisti fi spazju zghir bejn l-istabbiliment IPlace u South East.

Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex il-mozzjoni tigi emendate u tinqara hekk:

Nipproponi illi l-Kunsill ikompli bicca bankina li saret mill-privat fi Triq il-Wilga, l-ispazju zghir ta' bejn l-istabbiliment I-Place u South East, kif ukoll sa Triq Abdosir

Is-Sur Steven Grech issekonda l-emendi proposti mis-Sur Micallef li ghaddew b'votazzjoni unanima.

Il-mozzjoni kif emendata ghaddiet b'votazzjoni ta' erba favor u vot wiehed kontra.

9.4 *Mozzjoni 05/2013(VI)*

Mozzjoni : Estensjoni tal-uzu tal-Heavy Fuel Oil fl-impjant tal-generazzjoni tal-elettriku tal-Enemalta f'Delimara

Abbazi tal-pariri moghtija mill-esperti inkarigati mill-istess Kunsill u mill-Kunsilli ta' Birzebbuga, iz-Zejtun u Marsascala u fl-istess linja li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ha fi snin li ghaddew kif espressi f'numru ta' dikjarazzjonijiet u konferenzi ghall-istampa, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jesprimi t-thassib tieghu mad-decizjoni mehuda dan l-ahhar mill-MEPA sabiex testendi z-zmien tal-uzu tal-Heavy Fuel Oil biex tithaddem l-ahhar estensjoni tal-Power Station (BWSC) ta' Delimara.

Fid-dawl ukoll li hu maghruf li dawn il-magni jisthgu jithaddmu bid-diesel b'mod immedjat u minghajr htiega ta' aggustament l-Kunsill jistenna li jigi kkonfermat li l-emmissjonijiet li jirrizultaw minn tali estensjoni ta' zmien ma huma ta' ebda periklu ghas-sahha tan-nies.

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iheggeg lill-Awtoritajiet ikkoncernati sabiex b'mod immedjat jibdew ihaddmu l-impjant bid-diesel sakemm eventwalment jibda jithaddem bil-gass

Mozzjoni : Angelo Micallef
Sekondant: Steven Grech

Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex il-mozzjoni tigi tinqara hekk:

Abbazi tal-pariri moghtija mill-esperti nkarigati mill-istess Kunsill u mill-Kunsilli tal-madwar, u fl-istess linjali l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ha fis-snin li ghaddew kif espressi f'numru ta' dikjarazzjonijiet u konferenzi stampa, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jikkonferma l-istess pozizzjoni tieghu kontra l-uzu tal-heavy fuel oil fl-impjant ta' Delimara.

Ghaldaqstant il-Kunsill jesprimi s-sodisfazzjon tieghu ghall-impenn li qed juri il-Gvern Centrali sabiex kemm jista' jkun malajr jinqata' l-uzu tal-HFO minn Delimara bl-ewwel process jikkonsisti f'bini ta' powerstation gdida li tahdem bil-gass li huwa l-aktar fjuwil nadif. Dan ser iwassal biex l-uzu tal-HFO jinqata' kemm mill-estensjoni li saret mill-BWSC kif ukoll billi tigi zarmata il-Phase 1 tal-power station li ukoll tahdem bil-HFO.

Ikun xi jkun l-esodu tar-rizultati dwar l-emissjonijiet jibqa' l-fatt li inqas ma jkunu l-livelli ta' emissjonijiet huwa tant ahjar ghas-sahha, tant li fid-direttiva dwar il-kwalita tal-arja, l-UE tghid li qed tistabbilixxi livelli biex ikun hemm massimu ta' tniggis li m'ghandux jinqabez.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dank if ukoll fic-cirkostanzi fejn il-Gvern Centrali, li permezz tal-Enemalta huwa l-applikant tal-permess tal-IPPC permit tal-impjanti ta' Delimara, issa huwa ukoll kontra l-uzu tal-HFO tant li ghaddej bil-process biex iwaqqaf dan l-uzu, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jappella lill-MEPA biex, ikun xi jkun l-esodu tar-rizultati dwar l-emissjonijiet, ma tohrogx aktar pemessi tal-IPPC li jippermettu l-uzu ta' Heavy Fuel Oil.

Is-Sur Stephen Caruana issekonda l-emendi proposti mis-Sur Micallef li ghaddew b'votazzjoni ta' erba' favor u wiehed kontra.

Il-Mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni ta' erba' voti favor u vot wiehed kontra.

## 10 <u>Approvazzjoni ta' hlasijiet</u>

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda skeda ta' pagamenti (Skeda 11/2013) ghall-approvazzjoni.

Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fi skeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 11 <u>Affarijiet ohra</u>

11.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu kien jinhtieg illi ssir pedestrian crossing f Triq iz-Zejtun biswit kappella ezistenti. Dan peress illi fiz-zona ma kienx hemm il-possibilita' ghall-pedonali li jaqmsu t-triq. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lil Transport Malta sabiex kemm il-darba ikun possibbli jinhareg permess ghal *pedestrian crossing* hekk kif propost.

11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amminsitrazzjoni kienet hadet hsieb illi tipprepara d-dokument tas-sejha ghall-offerti ghall-*street sweeping and cleaning.* Is-Sur Hall ghadda biex jipprezenta kopja tad-dokument fuq il-mejda ghall-evalwazzjoni tal-Kunsilliera prezenti. Kien hemm diskussjoni libera dwar is-sejha li matulha gie deciz illi ghandha tiddahhal klawsola illi tobbliga lill-kuntrattur sabiex jassenja minimu ta' zewg haddiema ghax-xoghol fil-lokalita'. Finalment, kien hemm qbil unanimu illi s-sejha ghandha tinhareg hekk kif proposta bl-emenda msemmija.

11.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienu saru diskussjonijiet mal-kumpanija JGC Ltd. rigward playing field fi Triq il-Wilga. Is-Sur Micallef zied jghid illi kien ippjanat illi jinghata bidu ghax-xogholijiet nhar l-4 ta' Novembru 2013. Ix-xogholijiet kienu mistennija jitlestew sa tmiem Jannar 2014.

F'dan l-istadju is-Sur Edric Micallef gie mitlub mis-Sur Frans Grech jinghata l-koncessjoni li jitlob kjarifika dwar xoghol li l-Kunsill Lokali kien qieghed jaghmel fi Triq il-Wilga. Is-Sur Micallef min-naha tieghu filwaqt li nforma lis-Sur Grech illi minhabba kwistjonijiet legali ma setax ihallih jintervjeni, informa lis-Sur Grech illi x-xoghol li kien qieghed isir ien konformi ma' dak li kien gie ppjanat u li ma kien jivolvi ebda ksur ta' ligi. Is-Sur Frans Grech f'dan l-istadju ghamel allegazzjonijiet illi x-xoghol kien sar peress illi kien hemm interessi ulterjuri u l-Kunsill Lokali ried jagevola lil individwi partikolari. Is-Sur Angelo Micallef talab illi l-allegazzjonijiet li saru mis-Sur Grech jitnizzlu fil-minuti

11.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amminsitrazzjoni kienet hadet hsieb tigbor kwotazzjonijiet ghal uniformijiet godda ghall-membri tal-amminsitrazzjoni. Is-Sur Hall zied jghid illi kienu ingabru kwotazzjonijiet minghand kumpaniji varji u ghadda sabiex jinforma lill-Kunsilliera l-ammont tal-kwotazzjonijiet migbura.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi din il-materja kellha tigi diskussa fis-seduta segwenti.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2013

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**